MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-1 ta' Jannar, 1900

Citazzjoni Numru. 315/2006

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**Vs**

**Joseph u Rita mizzewgin Borg**
**{I.D. numri 69661 (M) u 129258 (M)}**

**Il-Qorti**

Rat l-**atti tar-Rikors Guramentat** tal- Bank of Valletta p.l.c li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi tlett kuntratti datati fit-8 ta' Awissu, 1997 in atti Nutar Dottor Pierre Falzon, tnejn minnhom datati fis-6 ta' April, 2001 u

l- 10 t' April, 2001 in atti Nutara Dottor Rachel Mallia (Dok. A sa Dok D), is-socjeta' attrici kkoncediet facilita' bankarja lill-konvenuti Joseph u Rita mizzewgin Borg;

2. Ili s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Joseph u Rita mizzewgin Borg fis-somma ta' sitta u erbghin elf, tlieta u hamsin liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm46,053.45) bilanc ghad-debitu fil-''Loan Accounts'' ta' Joseph u Rita mizzewgin Borg mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. E1, Dok. F1, u Dok. G1 sa G58) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit- 22 ta' Marzu, 2006 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-imsemmija kuntratti (u hawn esebiti bhala Dokument "A''; "B'', "C'' u "D") partikolarment imma mhux esklussivament billi Joseph u Rita mizzewgin Borg (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntrattii sopraindikati, u / jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti Joseph u Rita mizzewgin Borg li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 25 ta' April, 2005 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "H'', sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-tallbiet tas-socjeta' attrici li qieghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

(1) Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-imsemmija kuntratti datati fit-8 ta' Awissu 1997 in atti Nutar Dottor Pierre Falzon, tnejn

minnhom datati fis-6 ta' April, 2001 u l-10 ta' April, 2001 in atti Nutara Dottor Rachel Mallia fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala dok. A sa dok. D) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Joseph u Rita mizzewgin Borg (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati u / jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti Joseph u Rita mizzewgin Borg li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

(2) Tikkundanna lil Joseph u Rita mizzewgin Borg ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitta u erbghin elf, tlieta u hamsin liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm46,053.45) bilanc ghad-debitu fil- Loan Accounts ta' Joseph u Rita mizzewgin Borg mal- Bank of Valletta p.l.c. (Dok. E1, Dok. F1, u Dok. G1 sa G58) flimkien ma l-imghax ulterjuri mit-22 ta' Marzu, 2006 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 25 ta' April, 2005 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalmennt kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' rikorrenti;

Rat in-nota tal-intimata Rita Borg li biha ammettiet it-talba kif dedotta fir-rikors;

Deher l-intimat Joseph Borg personalment seduta stante u ammetta t-talba kif dedotta fir-rikors;

Billi mill-ammissjoni tal-intimati t-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-intimati tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------